

**KONFERENZA DWAR L-ADEŻJONI
GĦALL-UNJONI EWROPEA
– ALBANIJA –**

**Brussell, 11 ta' April 2025
(OR. en)**

AD 4/25

LIMITE

CONF-ALB 4

DOKUMENT TA' ADEŻJONI

Suġġett: POŻIZZJONI KOMUNI TAL-UNJONI EWROPEA
– Ġabra 2: Suq Intern

POŻIZZJONI KOMUNI TAL-UNJONI EWROPEA

(b'segwitu għall-Pożizzjoni ta' Negozjar tal-Albanija AD 1/25 CONF-ALB 1)

Ġabra ta' Negozjati: 2

Suq Intern

Inkluż il-Kapitoli 1 - Moviment liberu tal-merkanzija, 2 - Libertà tal-moviment tal-ħaddiema, 3 - Dritt ta' stabbiliment u libertà li jiġu pprovduti servizzi, 4 - Moviment liberu tal-kapital, 6 - Dritt tal-kumpaniji, 7 - Dritt fil-qasam tal-proprjetà intellettuali, 8 - Politika tal-kompetizzjoni, 9 - Servizzi finanzjarji, 28 - Protezzjoni tal-konsumatur u tas-saħħa

Din il-pożizzjoni tal-Unjoni Ewropea hija bbażata fuq il-pożizzjoni ġenerali tagħha għall-Konferenza mal-Albanija dwar l-adeżjoni (AD 5/22 CONF-ALB 2), u hija soġġetta għall-prinċipji ta' negozjar approvati fiha, b'mod partikolari:

- kwalunkwe fehma espressa mill-Albanija jew l-UE dwar kapitolu speċifiku tan-negozjati bl-ebda mod ma hija ser tippreġudika l-pożizzjoni li tista' tittieħed dwar kapitolu oħrajn;
- ftehimiet li jintlaħqu matul in-negozjati dwar kapitolu speċifiċi, anki dawk parzjali, ma jistgħux jiġu kkunsidrati bħala finali qabel ma jkun intlaħaq ftehim ġenerali għall-kapitolu kollha;

kif ukoll għar-rekwiżiti stabbiliti fil-punti 2, 3, 5, 10, 14, 16, 23, 26, 31, 38, 39, 45, 46, 47 u 48 tal-Qafas ta' Negozjar.

L-UE tteġġegħ lill-Albanija biex tkompli bil-proċess ta' allinjament mal-acquis tal-UE u bl-implimentazzjoni u l-infurzar effettivi tiegħu, u b'mod ġenerali biex tiżviluppa diġà qabel l-adeżjoni, politiki u strumenti li jkunu kemm jista' jkun qrib dawk tal-UE.

L-UE tinnotta li l-Albanija, fil-pożizzjoni tagħha AD 1/25 CONF-ALB 1 taċċetta l-acquis tal-UE fil-qafas tal-Ġabra 2 kif fis-seħħ fit-28 ta' Frar 2025 u li ser tkun lesta timplimentah sad-data tal-adeżjoni tagħha mal-Unjoni Ewropea, ħlief fir-rigward ta' dawk l-oqsma fejn talbet perjodu ta' tranżizzjoni fil-Kapitolu 4, 9 u 28.

Bħala rispons ġenerali għat-talbiet tal-Albanija għal perjodi tranżitorji u derogi, l-UE tfakkar fil-pożizzjoni ta' negozjar ġenerali tagħha li miżuri tranżitorji huma eċċezzjonali, għal żmien u kamp ta' applikazzjoni limitati, u akkumpanjati minn pjan bi stadji definiti b'mod ċar għall-applikazzjoni tal-acquis tal-UE. Ma għandhomx jinvolvu emendi għar-regoli jew il-politiki tal-UE, ifixklu l-funzjonament tajjeb tagħhom, jew iwasslu għal distorsjoni sinifikanti tal-kompetizzjoni.

1. Kapitolu 1 - Il-moviment liberu tal-merkanzija

L-UE tissottolinja li fir-rigward tal-**prinċipji ġenerali** tal-moviment liberu tal-merkanzija, l-Albanija jeħtieġ li tallinja mar-rekwiżiti tal-Artikoli 34-36 TFUE u mal-ġurisprudenza rilevanti tal-QĠUE, filwaqt li tiżgura li tkopri kemm l-oqsma armonizzati kif ukoll dawk mhux armonizzati qabel l-adeżjoni. L-UE tfakkar li jeħtieġ li l-Albanija tlesti l-introduzzjoni tal-klawżoli ta' rikonoxximent reċiproku. L-UE tistieden lill-Albanija biex tidentifika l-punt ta' kuntatt għar-regolamenti tekniċi u tiżgura kapaċità suffiċjenti fl-istituzzjonijiet rilevanti.

L-UE tinnota l-livell ta' allinjament tal-Albanija mal-acquis tal-UE fir-rigward tal-**miżuri orizzontali** dwar l-istandardizzazzjoni u l-akkreditazzjoni u tinnota li għandha bżonn tiżgura allinjament sħiħ. L-UE tilqa' l-korpi ta' standardizzazzjoni u akkreditazzjoni diġà stabbiliti fl-Albanija. L-UE tistieden lill-Albanija biex tkompli tindirizza l-kwistjonijiet ta' nuqqas ta' konformità u r-rakkomandazzjonijiet indikati mis-CEN/CENELEC. L-UE tinnota wkoll l-allinjament parzjali tal-Albanija tal-leġiżlazzjoni nazzjonali mal-acquis tal-UE dwar il-valutazzjoni tal-konformità, dwar il-metroloġija, dwar is-sorveljanza tas-suq, in-notifika u dwar ir-responsabbiltà għall-prodotti. L-UE tinnota wkoll li jeħtieġ li l-Albanija ssaħħa b'mod sinifikanti r-riżorsi umani u finanzjarji fir-rigward tas-sorveljanza tas-suq. L-UE tissottolinja li jeħtieġ li l-Albanija tespandi l-kompetenzi tas-sorveljanza tas-suq biex tkopri s-setturi kollha meħtieġa inkluż is-sustanzi kimiċi, l-apparati tal-gass, ir-reċipjenti sempliċi taħt pressjoni, l-aerosols, u l-oġġetti pirotekniċi. L-UE tinnota wkoll li l-Albanija ma għandhiex il-marka ta' konformità tagħha stess. L-UE tilqa' wkoll il-fatt li l-leġiżlazzjoni nazzjonali tal-Albanija diġà tippermetti l-użu tal-marka CE għal oġġetti introdotti fis-suq fl-Albanija f'setturi fejn il-marka CE hija prevista mill-acquis tal-UE.

Dwar l-**"Approċċ Ġdid u Globali"**, l-UE tinnota l-livell ta' allinjament leġiżlattiv tal-Albanija mal-acquis tal-UE dwar il-kompatibilità elettromanjetika (EMC), dwar it-tagħmir b'vultaġġ baxx (LVD), dwar it-tagħmir tar-radju (RED), dwar l-isplussivi għall-użu ċivili, u dwar l-oġġetti pirotekniċi, u tgħid li jeħtieġ tiżgura l-allinjament sħiħ. L-UE tinnota l-allinjament parzjali tal-Albanija mal-acquis tal-UE dwar il-ġugarelli, dwar il-makkinarju, dwar l-emissjonijiet tal-istorbju tat-tagħmir ta' barra (OND), dwar il-liftijiet, dwar it-tagħmir personali protettivi (PPE), dwar ir-riċipjenti sempliċi taħt pressjoni (SPVD), dwar il-prodotti għall-kostruzzjoni, dwar l-unitajiet tal-kejl (MID), dwar l-istrumenti tal-użin mhux awtomatiċi (NAWI), dwar l-oġġetti pirotekniċi, dwar il-prodotti imballati minn qabel, u dwar il-fliexken użati bħala kontenituri tal-kejl, u tinnota li jeħtieġ li tiżgura allinjament sħiħ. L-UE tfakkar li jeħtieġ li l-Albanija tallinja l-leġiżlazzjoni tagħha dwar it-tagħmir u s-sistemi protettivi maħsuba għall-użu f'atmosfera potenzjalment splussivi (ATEX), dwar l-ekodisinn, dwar l-apparat li jaħdem bil-gass, dwar l-apparat ta' pressjoni, dwar il-funikulari u dwar l-opri tal-baħar għar-rikreazzjoni. L-UE tissottolinja li jeħtieġ li l-Albanija tintroduċi kapaciċitajiet amministrattivi u ta' implimentazzjoni biżżejjed biex tissodisfa l-obbligi fil-qafas tal-acquis tal-UE "Approċċ Ġdid u Globali". L-UE tissottolinja wkoll in-neċessità li jiġu żgurati livelli suffiċjenti ta' sorveljanza tas-suq u ta' valutazzjonijiet tal-konformità.

Dwar l-**acquis tal-UE dwar il-Leġiżlazzjoni "Approċċ Qadim" dwar il-Prodotti**, l-UE tinnota l-livell ta' allinjament leġiżlattiv tal-Albanija mal-acquis tal-UE dwar il-klassifikazzjoni, it-tikkettar u l-imballaġġ (CLP), u tinnota li għandha bżonn tiżgura allinjament sħiħ. L-UE tinnota l-allinjament parzjali tal-Albanija mal-acquis tal-UE dwar ir-REACH, dwar id-deterġenti, u dwar id-dispensuri tal-aerosol, u tteġġiha tiżgura allinjament sħiħ. L-UE tinnota wkoll il-livell baxx ta' allinjament leġiżlattiv tal-Albanija mal-acquis tal-UE dwar il-prekursuri tad-droga, u tissottolinja li jeħtieġ li l-Albanija tallinja l-leġiżlazzjoni tagħha anki ma' dan l-acquis tal-UE kif ukoll ma' dak dwar il-vetturi bil-mutur, dwar it-tratturi (agrikoltura, forestrija), dwar il-vetturi b'2/3 roti, dwar l-emissjonijiet ta' makkinarju mobbli mhux tat-triq, u dwar il-prattika tajba tal-laboratorju (GLP). L-UE tissottolinja wkoll li jeħtieġ li l-Albanija tiżgura kapaciċità amministrattiva suffiċjenti fil-ministeri rilevanti kollha u korpi responsabbli oħra b'livelli għoljin ta' integrità.

L-UE tissottolinja wkoll li jeħtieġ li l-Albanija tiżgura livelli suffiċjenti ta' riżorsi umani u finanzjarji għal sorveljanza suffiċjenti tas-suq fis-setturi rilevanti kollha. L-UE tistieden lill-Albanija biex tiżgura li, meta jintlaħaq allinjament sħiħ mal-acquis tal-UE dwar l-emissjonijiet tal-vetturi u tal-makkinarju mobbli mhux tat-triq, tkun disponibbli l-provvista adegwata tal-kwalità korretta tal-karburanti. L-UE tistieden ukoll lill-Albanija biex teżamina jekk humiex meħtieġa bidliet fit-toroq u fl-armar tat-toroq biex jiġi żgurat il-funzjonament korrett tas-sistemi tal-vetturi regolati f'konformità mal-acquis tal-UE.

Dwar il-**miżuri proċedurali**, l-UE tilqa' l-livell għoli ta' allinjament leġiżlattiv min-naħa tal-Albanija mal-acquis tal-UE dwar il-ħġieġ tal-kristall, dwar xedd is-saqajn, u dwar beni kulturali mneħħija illegalment mit-territorju ta' Stat Membru tal-UE, u tinnota li jeħtieġ li tiżgura allinjament sħiħ. L-UE tinnota l-allinjament parzjali tal-Albanija mal-acquis tal-UE dwar it-trasparenza fir-rigward tal-ipprezzar u r-rimborż ta' prodotti mediċinali, dwar it-tikkettar tat-tessuti, dwar l-armi tan-nar, u dwar it-trasferiment ta' prodotti relatati mad-difiża, u tinnota li jeħtieġ li tiżgura allinjament sħiħ anki f'dawn l-oqsma. L-UE tistieden lill-Albanija biex ittejjeb il-livelli ta' riżorsi umani u finanzjarji biex tiżgura livelli suffiċjenti ta' sorveljanza tas-suq. L-UE tistieden ukoll lill-Albanija biex tistabbilixxi r-reġistri neċessarji għall-esportazzjoni, l-importazzjoni u l-kummerċ ta' beni kulturali.

L-UE tappella lill-Albanija biex testendi l-miżuri fil-**għlieda kontra l-korruzzjoni** għall-istituzzjonijiet kollha involuti fil-moviment liberu tal-merkanzija.

2. Kapitolu 2 - Il-moviment liberu tal-ħaddiema

L-UE tilqa' l-allinjament parzjali tal-Albanija mal-acquis tal-UE fil-qasam tal-**prinċipji ġenerali tal-aċċess għas-suq tax-xogħol**, speċifikament dwar il-moviment liberu tal-ħaddiema fir-rigward tad-dritt ta' dħul, residenza u xogħol. L-UE tistieden lill-Albanija biex tiżgura li sal-adeżjoni, iċ-ċittadini tal-UE jkollhom aċċess għas-suq tax-xogħol tagħha mingħajr ebda restrizzjoni. L-UE tinnota li jeħtieġ ukoll li l-Albanija, sal-adeżjoni, tiżgura li r-restrizzjonijiet ta' aċċess għas-settur pubbliku jkunu japplikaw biss għal karigi li huma direttament marbuta mal-attivitajiet speċifiċi li jinvolvu l-eżerċizzju ta' awtorità pubblika u r-responsabbiltà għas-salvagwardja tal-interess ġenerali tal-Istat. L-UE tfakkar ukoll li jeħtieġ li l-Albanija tiddeżinja istituzzjoni responsabbli għall-appoġġ tal-ħaddiema mobbli tal-UE u tiggarrantixxi drittijiet adegwati għall-membri tal-familja taċ-ċittadini tal-UE, kemm jekk ikunu nazzjonali tal-UE kif ukoll jekk le. L-UE tistieden ukoll lill-Albanija biex tiżgura li, sal-adeżjoni, ir-restrizzjonijiet ta' aċċess għas-settur pubbliku jkunu konformi mal-ġurisprudenza tal-QĠUE.

L-UE tqis li ser ikunu meħtieġa **miżuri tranżitorji** li jippermettu lill-Istati Membri attwali japplikaw miżuri li jirrestrinġu l-aċċess tal-ħaddiema mill-Albanija għas-swieq tax-xogħol tagħhom kif ukoll fir-rigward tal-libertà li jipprovdu servizzi li jinvolvu l-moviment temporanju tal-ħaddiema. Skont l-acquis tal-UE, huma protetti d-drittijiet tan-nazzjonali ta' Stat li aderixxa, li diġà huma legalment residenti u impjegati fi Stat Membru ieħor. In-nazzjonali Albaniżi u l-membri tal-familji tagħhom ma għandhomx jiġu ttrattati b'mod anqas favorevoli minn nazzjonali ta' pajjiżi terzi meta dawn tal-aħħar ikunu qed jeżerċitaw id-drittijiet tagħhom skont l-acquis. L-UE ser terġa' lura għal din il-kwistjoni fi stadju aktar tard tan-negozjati. Il-Kummissjoni ser tipprovdi valutazzjoni tal-impatt.

L-UE tilqa' l-allinjament parzjali tal-Albanija mal-acquis tal-UE dwar il-**pensjonijiet supplimentari**. L-UE tinnota li l-Albanija tinsab f'allinjament parzjali mal-acquis fir-rigward tal-pensjonijiet supplimentari. L-UE tistieden lill-Albanija biex tallinja bis-sħiħ mal-acquis tal-UE, b'mod partikolari dwar l-iskemi ta' pensjoni okkupazzjonali.

L-UE tilqa' l-livell tajjeb ta' tħejjija tal-Albanija fir-rigward tal-**EURES**. L-UE tistieden lill-Albanija biex tiżgura l-konnessjoni adegwata tal-aġenziji privati tal-impjegi mas-sistema u biex tistabbilixxi l-Uffiċċju Nazzjonali ta' Koordinazzjoni.

L-UE tilqa' l-fatt li l-Albanija hija parzjalment allinjata mal-acquis tal-UE li jistabbilixxi l-**Awtorità Ewropea tax-Xogħol**. L-UE tistieden lill-Albanija biex tippjana t-tiżiħ tal-kapaċitajiet, kemm fir-rigward tal-IT kif ukoll fir-rigward tal-kapaċitajiet umani. L-UE tistieden ukoll lill-Albanija biex tkompli tiġġieled kontra x-xogħol mhux iddikjarat.

L-UE tilqa' l-allinjament parzjali tal-Albanija mal-acquis tal-UE dwar il-**koordinazzjoni tas-sistemi tas-sigurtà soċjali**. L-UE tinnota li l-Albanija tibbenefika minn esperjenza sostanzjali tal-mekkaniżmi bażiċi involuti fil-koordinazzjoni tas-sigurtà soċjali. L-UE tistieden lill-Albanija biex tiżviluppa kapaċità amministrattiva suffiċjenti kif ukoll għarfien aktar profond u diġitalizzazzjoni ulterjuri biex tapplika l-acquis tal-UE f'dan il-qasam. L-UE tħeġġeġ ukoll żvilupp ulterjuri fil-qasam tal-koordinazzjoni tas-sigurtà soċjali, inkluż ftehimiet dwar is-sigurtà soċjali mal-Istati Membri tal-UE.

L-UE tinnota b'mod pożittiv li l-Albanija stabbiliet miżuri speċifiċi sabiex tiġġieled kontra l-korruzzjoni fil-qasam tal-moviment liberu tal-ħaddiema.

3. Kapitolu 3 - Id-dritt ta' stabbiliment u l-libertà li jiġu pprovduti servizzi

L-UE tilqa' l-allinjament parzjali tal-Albanija mal-acquis tal-UE dwar ir-**rikonoxximent reċiproku ta' kwalifiki professjonali**. L-UE tfakkar li jeħtieġ li l-Albanija tlesti l-allinjament tal-leġiżlazzjoni tagħha mal-acquis dwar ir-rikonoxximent ta' kwalifiki professjonali, prinċipalment mad-Direttiva dwar il-Kwalifiki Professjonali ⁽¹⁾ u d-Direttivi dwar l-Avukati ⁽²⁾. L-UE tissottolinja li jeħtieġ li l-Albanija telimina r-rekwiżiti kollha ta' nazzjonalità meħtieġa għal aċċess għal professjoni. L-UE tissottolinja wkoll li jeħtieġ li l-Albanija tallinja l-programmi ta' studju, li fil-qafas tagħhom jinksibu l-kwalifiki għal professjonijiet (settorjali) regolati fl-Albanija, mar-rekwiżiti minimi ta' taħriġ tal-acquis tal-UE ⁽³⁾. L-UE tistieden lill-Albanija biex iżżid il-kapaċità amministrattiva tagħha għall-ġestjoni ta' dan il-qasam.

L-UE tilqa' l-allinjament parzjali tal-Albanija mal-acquis tal-UE fil-qasam tad-**dritt ta' stabbiliment u l-libertà li jiġu pprovduti servizzi**. L-UE tistieden lill-Albanija biex tiffinalizza l-identifikazzjoni tal-ostakli kollha possibbli għall-fornituri ta' servizzi u l-eliminazzjoni tagħhom. L-UE tissottolinja li jeħtieġ li l-Albanija tlesti l-allinjament tal-qafas legali tagħha mal-acquis dwar is-Servizzi ⁽⁴⁾ biex telimina l-ostakli kollha għall-aċċess.

L-UE tilqa' l-allinjament tal-Albanija mal-acquis tal-UE fil-qasam tas-**servizzi postali** fir-rigward tal-acquis dwar is-Servizzi Postali ⁽⁵⁾ u s-servizzi ta' konsenja tal-pakketti transfruntiera ⁽⁶⁾. L-UE tistieden lill-Albanija biex tiżgura l-konformità mar-regoli postali tal-UE u l-forniment tas-servizz universali u biex tkompli tissorvelja l-iżviluppi fis-suq postali.

L-UE tinnota b'mod pożittiv li l-Albanija stabbiliet miżuri speċifiċi biex **tiġġieled kontra l-korruzzjoni** fid-dritt ta' stabbiliment u l-libertà li jiġu pprovduti servizzi.

⁽¹⁾ Id-Direttiva 2005/36/KE

⁽²⁾ Id-Direttiva 98/5/KE u d-Direttiva tal-Kunsill 77/249/KEE

⁽³⁾ Id-Direttiva 2005/36/KE kif emendata

⁽⁴⁾ Id-Direttiva 2006/123/KE

⁽⁵⁾ Id-Direttiva 2008/6/KE

⁽⁶⁾ Ir-Regolament (UE) 2018/644

4. Kapitolu 4 - Il-moviment liberu tal-kapital

L-UE tinnota l-allinjament parzjali tal-Albanija mal-acquis tal-UE dwar il-**moviment liberu tal-kapital**. L-UE tissottolinja wkoll li hija r-responsabbiltà tal-Albanija li tiżgura li fil-mument tal-adeżjoni, it-trattati bilaterali ta' investiment tagħha kollha bejn l-Albanija u pajjiżi terzi, ikunu f'konformità mal-acquis. L-UE tissottolinja li jeħtieġ li mal-adeżjoni l-Albanija ttemm it-trattati bilaterali ta' investiment tagħha mal-Istati Membri tal-UE, inkluż l-effetti legali tal-klawżoli ta' estinzjoni. L-UE tistieden lill-Albanija biex tiżgura li l-kapaċità amministrattiva u l-koordinazzjoni jkunu suffiċjenti biex timplimenta l-acquis tal-UE dwar il-moviment liberu tal-kapital.

L-UE tissottolinja li jeħtieġ li l-Albanija tneħħi l-kundizzjonijiet diskriminatorji eżistenti kollha għaċ-ċittadini tal-Istati Membri tal-UE li beħsiebhom jixtru art agrikola fl-Albanija, meta mqabbla ma' dawk għaċ-ċittadini Albaniżi. L-UE tisħaq li dawn ir-restrizzjonijiet mhumiex konformi mal-acquis u huma inkompatibbli mal-Ftehim ta' Stabbilizzazzjoni u Assoċjazzjoni (FSA), li jgħid li fir-rigward tal-akkwist ta' proprjetà immobbli fit-territorju tagħha, l-Albanija għandha tiżgura l-istess trattament ta' nazzjonali tal-Istati Membri tal-Unjoni Ewropea meta mqabbla man-nazzjonali tagħha stess.

L-UE tieħu nota tat-talba tal-Albanija ta' seba' snin wara d-data tal-adeżjoni tagħha mal-UE jew sal-31 ta' Diċembru 2037, bi klawżola ta' salvagwardja li tippermettilha testendiha għal tliet snin, li matulhom iżżomm ir-restrizzjonijiet eżistenti fuq l-akkwist ta' art agrikola, inkluż foresti, għal nazzjonali fiżiċi u ġuridiċi tal-UE/taż-ŻEE u ta' pajjiżi terzi.

L-UE tieħu nota tal-informazzjoni ppreżentata b'appoġġ għat-talba tagħha. Madankollu l-UE tqis li ser tkun meħtieġa informazzjoni aktar dettaljata qabel mal-UE tkun tista tieħu pożizzjoni dwar din it-talba. L-UE tistieden lill-Albanija biex tipprovdi aktar informazzjoni b'mod partikolari rigward:

- a. Is-sitwazzjoni attwali u l-miżuri ppjanati biex tittejjeb iċ-ċertezza legali fir-rigward tal-istruttura tas-sjieda tal-art agrikola. Dan jinkludi l-armonizzazzjoni tal-katast u tad-data katastali f'konformità mal-parametri referenzjarji interim fil-Ġabra 1 u l-istadji ppjanati biex jiġu riżolti d-drittijiet tas-sjieda li bħalissa mhumiex solvuti.
- b. Id-daqs u d-distribuzzjoni tal-impriżi agrikoli.
- c. L-istruttura attwali tas-sjieda ta' art agrikola, li tenfasizza jekk dawn l-artijiet humiex proprjetà ta' barranin jew mikrija lilhom.
- d. Pjanijiet għall-privatizzazzjoni ta' art agrikola tal-Istat.
- e. Restrizzjonijiet attwali u ppjanati wara l-adeżjoni fl-akkwist ta' art għal nazzjonali taż-ŻEE u ta' pajjiżi terzi.

L-UE tinnota l-allinjament parzjali tal-Albanija ma' parti mill-acquis tal-UE dwar is-**servizzi ta' pagament**. L-UE tinnota wkoll li jeħtieġ li l-Albanija tkompli tallinja mal-qafas regolatorju tal-UE dwar il-pagamenti. L-UE tissottolinja li jeħtieġ li l-Albanija tiffinalizza l-allinjament mal-acquis dwar is-servizzi ta' pagament ⁽⁷⁾ u l-flus elettroniċi ⁽⁸⁾. L-UE tfakkar li jeħtieġ li l-Albanija tallinja mal-acquis dwar il-pagamenti transfruntieri u t-tariffi tal-interkambju.

L-UE tinnota li l-Albanija hija parzjalment allinjata mal-acquis tal-UE dwar **il-ġlieda kontra l-ħasil tal-flus** ⁽⁹⁾. L-UE tissottolinja li jeħtieġ li l-Albanija tkompli tallinja mal-qafas regolatorju tal-UE dwar il-ġlieda kontra l-ħasil tal-flus inkluż it-trasferiment ta' fondi ⁽¹⁰⁾. L-UE tinnota wkoll ir-rekord irregolari tal-Albanija fil-qasam tal-ħasil tal-flus. L-UE tfakkar li jeħtieġ li l-Albanija tilħaq allinjament komplet mal-acquis tal-UE f'dan il-qasam. L-UE tissottolinja li jeħtieġ li l-Albanija turi rekord sod fir-rigward tal-ġlieda kontra l-ħasil tal-flus u l-finanzjament tat-terroriżmu.

⁽⁷⁾ Id-Direttiva (UE) 2015/2366

⁽⁸⁾ Id-Direttiva 2009/110/KE

⁽⁹⁾ Id-Direttiva (UE) 2015/849

⁽¹⁰⁾ Ir-Regolament (UE) 2023/1113

L-UE tinnota li fir-rigward tal-**għieda kontra l-korruzzjoni fil-qasam tal-moviment liberu tal-kapital** l-Albanija għandha fis-seħħ firxa ta' miżuri speċifiċi kontra l-korruzzjoni.

5. Kapitolu 6 - Id-dritt tal-kumpaniji

L-UE tilqa' l-allinjament wiesa' min-naħa tal-Albanija mal-acquis tal-UE fil-qasam tad-**dritt tal-kumpaniji u l-governanza korporattiva**. L-UE tinnota l-livell għoli ta' allinjament min-naħa tal-Albanija mar-rekwiżiti ta' divulgazzjoni għall-kumpaniji u l-użu ta' għodod u proċessi diġitali, filwaqt li tistieden lill-Albanija biex tallinja mad-dispożizzjonijiet tal-acquis tal-UE dwar data strutturata/li tinqara minn magna biex eventwalment tkun tista' tagħmel interkonnessjoni mas-Sistema ta' Interkonnessjoni tar-Reġistri Kummerċjali (BRIS) tal-UE. L-UE tissottolinja li jeħtieġ li l-Albanija tiffinalizza l-allinjament mal-acquis dwar il-formazzjoni tal-kumpaniji u r-rekwiżiti ta' kapital, dwar fużjonijiet u diviżjonijiet domestiċi, u dwar fużjonijiet, diviżjonijiet u konverżjonijiet transfruntieri, inkluż dispożizzjonijiet li jkopru l-protezzjoni tal-impjegati, il-membri u l-kredituri. L-UE tinnota wkoll il-livell għoli ta' allinjament min-naħa tal-Albanija mad-drittijiet tal-azzjonisti f'kumpaniji kkwotati ⁽¹¹⁾. L-UE tissottolinja li jeħtieġ li l-Albanija tallinja mad-Direttiva emendatorja dwar l-inkoraġġiment ta' involviment fit-tul tal-azzjonisti ⁽¹²⁾, inkluż ir-regoli ta' implimentazzjoni korrispondenti. L-UE tinnota wkoll li jeħtieġ li l-Albanija tintroduċi dispożizzjonijiet biex tallinja mar-Rakkomandazzjonijiet tal-Kummissjoni dwar id-diretturi indipendenti u l-kumitati tal-bordijiet, u l-kwalità tar-rappurtar tal-governanza korporattiva. L-UE tistieden ukoll lill-Albanija biex tallinja mal-Istatut għal Kumpanija Ewropea jew il-Grupp Ewropew b'Interess Ekonomiku (GEIE). L-UE tinnota wkoll li jeħtieġ li l-Albanija tallinja mad-Direttiva dwar id-Diliġenza Dovuta tas-Sostenibbiltà Korporattiva ⁽¹³⁾.

L-Albanija hija allinjata mal-acquis tal-UE dwar il-kumpaniji b'responsabbiltà limitata b'membru uniku. L-UE tfakkar li jeħtieġ li l-Albanija tiffinalizza l-allinjament mal-acquis tal-UE fir-rigward tal-offerti ta' xiri.

⁽¹¹⁾ Id-Direttiva 2007/36/KE

⁽¹²⁾ Direttiva (UE) 2017/828

⁽¹³⁾ Direttiva (UE) 2024/1760

L-UE tinnota li fil-qasam tar-**rappurtar tal-kumpaniji** l-Albanija għandha livell għoli ta' allinjament mal-acquis tal-UE dwar l-awditu statutorju. L-UE tistieden lill-Albanija biex tkompli ssaħħa aktar il-kapaċitajiet tal-korp pubbliku għas-sorveljanza tal-awditu f'termini ta' persunal u finanzjament, kif ukoll dawk tal-korp professjonali biex tiżgura li l-assigurazzjoni tal-kwalità, l-investigazzjonijiet u s-sanzjonijiet li jikkonċernaw l-awditu statutorji, b'mod partikolari dawk ta' entitajiet ta' interess pubbliku, jitwettqu mill-awtorità kompetenti responsabbli għas-sorveljanza tal-awditu. L-UE tissottolinja li jeħtieġ li l-Albanija tallinja ulterjorment mal-acquis tal-UE fl-oqsma tar-rekwiżiti tal-kontabilità u tat-trasparenza għall-kumpaniji kkwotati, dwar ir-rappurtar pajjiż b'pajjiż ⁽¹⁴⁾, u dwar ir-rappurtar dwar is-sostenibbiltà korporattiva ⁽¹⁵⁾, u l-kriterji tad-daqs ⁽¹⁶⁾. L-UE tissottolinja wkoll li jeħtieġ li l-Albanija tallinja l-qafas leġiżlattiv tagħha dwar is-swieq kapitali mar-rekwiżiti dwar ir-rappurtar ⁽¹⁷⁾.

L-UE tappella lill-Albanija biex timmira li jkollha governanza aħjar fis-settur privat, biex tippromwovi l-integrità, it-trasparenza u **l-ġlieda kontra l-korruzzjoni fil-qasam tad-dritt tal-kumpaniji**.

6. Kapitolu 7 - Id-dritt tal-proprjetà intellettuali

L-UE tilqa' l-livell għoli ta' allinjament tal-Albanija mal-acquis tal-UE fil-qasam tad-dritt tal-proprjetà intellettuali. L-UE tinnota wkoll b'mod pożittiv li l-Albanija għandha l-istrutturi amministrattivi bażiċi fis-seħħ biex timmaniġġja u tinforza d-drittijiet tal-proprjetà intellettuali. L-UE tistieden lill-Albanija biex tiżgura li l-istrutturi amministrattivi li jittrattaw id-drittijiet tal-proprjetà intellettuali u l-infurzar tagħhom ikunu jiffunzjonaw tajjeb u jkollhom kapaċitajiet suffiċjenti.

⁽¹⁴⁾ Id-Direttiva 2016/881/UE

⁽¹⁵⁾ Id-Direttiva (UE) 2022/2464

⁽¹⁶⁾ Id-Direttiva (UE) 2023/2775

⁽¹⁷⁾ Id-Direttiva 2013/50/UE

L-UE tilqa' l-livell għoli ta' allinjament tal-Albanija mal-acquis tal-UE fil-qasam tad-**drittijiet tal-awtur u d-drittijiet relatati**. L-UE tfakkar li jeħtieġ li l-Albanija tiffinalizza l-allinjament fil-qasam tad-drittijiet tal-proprjeta' intellettwali, b'mod partikolari dwar id-drittijiet tal-awtur u drittijiet relatati. L-UE tistieden lill-Albanija biex tkompli ttejjeb il-kooperazzjoni istituzzjonali u l-implimentazzjoni effettiva tal-leġiżlazzjoni. L-UE tinnota wkoll li l-Albanija hija parzjalment allinjata mal-acquis tal-UE dwar l-armonizzazzjoni ta' ċerti aspetti tad-drittijiet tal-awtur u drittijiet relatati fis-soċjeta' tal-informazzjoni, dwar il-ġestjoni kollettiva tad-drittijiet tal-awtur u drittijiet relatati, dwar bażijiet ta' data, dwar il-perjodu ta' protezzjoni, dwar id-drittijiet ta' bejgħ mill-ġdid, dwar id-dritt ta' kiri u d-dritt ta' self pubbliku, dwar xogħlijiet orfni u dwar is-semikondutturi. L-UE tistieden ukoll lill-Albanija biex taderixxi mat-Trattat ta' Marrakexx. L-UE tissottolinja li jeħtieġ li l-Albanija tallinja mal-acquis tal-UE dwar id-drittijiet tal-awtur u drittijiet relatati fis-Suq Uniku Diġitali, mar-regoli applikabbli għal ċerti trażmissjonijiet online tal-organizzazzjonijiet tax-xandir u t-trażmissjonijiet mill-ġdid tal-programmi tat-televiżjoni u tar-radju (SatCab II), u mar-regoli dwar il-portabilità transfruntiera tal-kontenut online.

L-UE tinnota b'mod pożittiv il-livell għoli ta' allinjament tal-Albanija mal-acquis tal-UE dwar **id-drittijiet ta' proprjeta' industrijali**. L-UE tistieden lill-Albanija biex issaħħaħ aktar il-kooperazzjoni istituzzjonali u t-taħriġ. L-UE tinnota wkoll li fil-qasam ta' ċertifikati ta' protezzjoni supplimentari (ĊPS), l-Albanija hija allinjata kompletament mal-acquis tal-UE dwar il-prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti u parzjalment allinjata fuq il-prodotti mediċinali. L-UE tinnota l-livell għoli ta' allinjament tal-Albanija mal-acquis tal-UE dwar l-invenzjonijiet bijoteknoloġiċi. L-UE tistieden lill-Albanija biex tallinja ulterjorment mal-liċenzjar obbligatorju tal-privattivi u dwar is-sigrieti kummerċjali.

L-UE tistieden ukoll lill-Albanija biex tlesti l-allinjament leġiżlattiv mal-acquis tal-UE dwar iċ-ĊPS għall-prodotti mediċinali. L-UE tissottolinja li l-emendi ppjanati għandhom, fost l-oħrajn, jipprevedu li, mid-data tal-adeżjoni tal-Albanija, għandu jiġi meqjus li l-ewwel awtorizzazzjoni għall-introduzzjoni fis-suq ta' prodott mediċinali jew ta' prodott għall-protezzjoni tal-pjanti għandha tkun id-data tal-ħruġ ta' tali awtorizzazzjoni fl-ewwel Stat Membru tal-UE. L-UE tfakkar li skont l-acquis, id-data rilevanti hija d-data tal-ħruġ ta' tali awtorizzazzjoni fl-UE/fiż-Żona Ekonomika Ewropea (ŻEE). L-UE tissottolinja wkoll l-importanza li l-prodotti protetti bi privattiva bażika valida fl-UE fid-data tal-adeżjoni tal-Albanija – inkluż prodotti farmaċewtiċi u għall-protezzjoni tal-pjanti – ikunu eliġibbli għaċ-ĊPS.

L-UE tissottolinja l-importanza ta' miżuri li jiżguraw il-karattru unitarju tat-trademark tal-UE u tad-disinn tal-UE.

L-UE tfakkar li skont ir-Regolament dwar it-Trademark tal-UE, mid-data tal-adeżjoni ta' Stat Membru ġdid, trademark tal-UE rreġistrata jew li għaliha saret applikazzjoni skont dan ir-Regolament qabel id-data tal-adeżjoni għandha tiġi estiża għat-territorju tal-Istat Membru l-ġdid.

L-UE tfakkar li l-eżawriment tad-drittijiet bejn l-UE u ż-ŻEE huwa prinċipju fundamentali li jirfed is-suq uniku, u li għandu jkun hemm konformità miegħu mill-Istati Membri kollha mal-adeżjoni.

L-UE tinnota l-allinjament parzjali tal-Albanija dwar **l-infurzar** tad-drittijiet tal-proprjeta intellettwali. L-UE tistieden lill-Albanija biex ittejjeb l-infurzar tad-drittijiet tal-proprjeta intellettwali, b'mod partikolari fir-rigward tal-għadd ta' kawżi tal-qorti u spezzjonijiet u sanzjonijiet fuq id-drittijiet tal-proprjeta industrijali. L-UE tistieden ukoll lill-Albanija biex ittejjeb aktar it-taħriġ tal-persunal, l-imħallfin u l-prosekuturi, u biex issaħħaħ ir-riżorsi umani.

L-UE tinnota li fir-rigward tal-**għieda kontra l-korruzzjoni fil-qasam tad-drittijiet tal-proprjeta intellettwali**, l-Albanija għandha fis-seħħ firxa ta' miżuri speċifiċi kontra l-korruzzjoni u tissottolinja l-importanza li dawn jiġu implimentati.

7. Kapitolu 8 – Il-politika dwar il-kompetizzjoni

L-UE tinnota li, fir-rigward tal-**qafas legali għall-politika dwar il-kompetizzjoni**, l-antitrust għandu livell għoli ta' allinjament mal-acquis primarju tal-UE iżda li hemm ċerti atti li l-leġiżlazzjoni Albanija għadha mhijiex allinjata magħhom. L-UE tinnota wkoll li l-allinjament sħiħ mad-dispożizzjonijiet tad-Direttiva 1/2019 (ħlief l-aspetti transfruntiera) għad irid jinkiseb fil-leġiżlazzjoni nazzjonali. L-UE tiegħu nota wkoll, fil-kuntest tal-possibiltà tal-Istati Membri li jkollhom regoli nazzjonali fil-qasam tal-kontroll tal-fużjonijiet, il-livell għoli tal-allinjament tal-Albanija fil-qasam tal-kontroll tal-fużjonijiet, filwaqt li xi elementi tar-regoli proċedurali u l-liġi mhux vinkolanti tal-UE għad iridu jiġu allinjati aktar. L-UE tinnota wkoll li d-definizzjoni tal-Albanija ta' għajnuna mill-Istat hija ġeneralment f'konformità mal-acquis tal-UE. L-UE tissottolinja li r-regoli tal-Albanija dwar l-għajnuna mill-Istat mhumiex allinjati jew huma biss parzjalment allinjati mal-acquis tal-UE fl-oqsma kollha, inkluż ir-regoli proċedurali, l-istrumenti ta' għajnuna orizzontali u settorjali kif ukoll l-istrumenti ta' għajnuna speċifiċi.

L-UE tinnota wkoll li l-Albanija mhijiex allinjata mal-acquis tal-UE fil-qasam tal-liberalizzazzjoni, fir-rigward ta' servizzi ta' interess ekonomiku ġenerali, u r-regoli ta' trasparenza applikabbli. L-UE tfakkarli jeħtieġ li l-Albanija tikkompleta l-allinjament leġiżlattiv mal-acquis tal-UE fil-qafas legali għall-politika dwar il-kompetizzjoni inkluż permezz ta' leġiżlazzjoni primarja u sekondarja.

L-UE tilqa', fir-rigward tal-**qafas istituzzjonali u l-kapaċità implimentattiva**, l-eżistenza, f'termini ta' struttura organizzattiva, ta' Awtorità tal-Kompetizzjoni stabbilita sew u operazzjonalment indipendenti u li tiffunzjona. L-UE tissottolinja l-importanza ta' allinjament leġiżlattiv sħiħ biex jiġi ggarantiti l-indipendenza, ir-riżorsi, is-setgħat u l-proċeduri tal-Awtorità tal-Kompetizzjoni biex jiġi żgurat infurzar effettiv. L-UE tinnota li l-kapaċità amministrattiva tal-Albanija fl-oqsma tal-antitrust u l-fużjonijiet hija suffiċjenti. L-UE tissottolinja wkoll li l-Awtorità tal-Kompetizzjoni tal-Albanija teħtieġ tkompli ssaħħaħ il-kapaċità amministrattiva tagħha, b'mod partikolari permezz ta' taħriġ rilevanti tal-persunal tagħha. L-UE tfakkar li jeħtieġ li l-Albanija tkompli tibni rekord b'saħħtu ta' infurzar fil-qasam tal-kompetizzjoni.

L-UE tinnota li fir-rigward tal-Għajnuna mill-Istat, l-Albanija għandha Kummissjoni tal-Għajnuna mill-Istat. L-UE tissottolinja li jeħtieġ li l-Albanija tittrasforma l-Kummissjoni tal-Għajnuna mill-Istat f'awtorità operazzjonalment indipendenti fit-tifsira tal-FSA. L-UE tissottolinja wkoll li jeħtieġ li jkun hemm kapaċità ta' implimentazzjoni u infurzar suffiċjenti fil-qasam tal-għajnuna mill-Istat inkluż il-ħtieġa li tissaħħaħ il-kapaċità amministrattiva tal-Kummissjoni tal-Għajnuna mill-Istat. L-UE tfakkar li jeħtieġ li l-Albanija tistabilixxi rekord sod ta' infurzar fil-qasam tal-Għajnuna mill-istat, inkluż l-allinjament ta' miżuri ta' għajnuna eżistenti mal-acquis tal-UE, anke wara impenji meħuda skont il-FSA.

L-UE tinnota li l-Albanija għandha qafas legali fis-seħħ għall-**ġlieda kontra l-korruzzjoni fil-qasam tal-politika dwar il-kompetizzjoni**. L-UE tappella lill-Awtorità Albanija tal-Kompetizzjoni biex tibni biżżejjed riżorsi fil-ġlieda kontra l-immanuvrar tal-offerti biex tiżgura l-infurzar tal-linji gwida dwar l-akkwist pubbliku u l-protezzjoni tal-kompetizzjoni.

8. Kapitolu 9 – Is-servizzi finanzjarji

L-UE tinnota li l-Albanija hija parzjalment allinjata mal-acquis tal-UE dwar **il-banek u l-konglomerati finanzjarji**. L-UE tilqa' l-livell għoli ta' allinjament tal-Albanija dwar ir-rekwiżiti kapitali. L-UE tfakkar li jeħtieġ li l-Albanija tallinja ruħha mal-aħħar verżjoni tad-Direttiva dwar ir-Rekwiżiti ta' Kapital u r-Regolament dwar ir-Rekwiżiti ta' Kapital. L-UE tissottolinja jeħtieġ li l-Albanija tallinja mal-acquis tal-UE dwar ir-rekwiżiti prudenzjali għad-ditti tal-investment u l-konglomerati finanzjarji. L-UE tissottolinja wkoll li jeħtieġ li l-Albanija tallinja mal-acquis tal-UE fil-qasam tal-iskemi ta' garanzija tad-depożiti b'mod partikolari fir-rigward tad-daqs u t-tipi ta' depożitarji koperti. L-UE tinnota wkoll li fir-rigward tal-qafas għall-irkupru u r-risoluzzjoni l-Albanija hija allinjata mal-ewwel Direttiva dwar l-Irkupru u r-Risoluzzjoni tal-Banek ⁽¹⁸⁾. L-UE tfakkar ukoll li jeħtieġ li l-Albanija tallinja ruħha mat-tieni Direttiva dwar l-Irkupru u r-Risoluzzjoni tal-Banek ⁽¹⁹⁾. L-UE tissottolinja wkoll li jeħtieġ li l-Albanija tkompli ssaħħaħ il-kapaċitajiet supervizzorji tagħha biex tqis ir-responsabbiltajiet li qed jespandu li jinvolvi l-acquis tal-UE.

L-UE tieħu nota tat-talba tal-Albanija biex l-Assoċjazzjonijiet ta' Tfaddil u Self (SLAs) jiġu esklużi mill-applikazzjoni tad-dispożizzjonijiet kollha tal-UE relatati mal-istituzzjonijiet ta' kreditu permezz ta' emenda tal-Artikolu 2 tad-Direttiva dwar ir-Rekwiżiti ta' Kapital ⁽²⁰⁾. L-UE tinnota wkoll li l-Assoċjazzjonijiet ta' Tfaddil u Self jirrappreżentaw 0.77 % tal-assi tas-settur bankarju Albaniż.

L-UE tinnota l-informazzjoni ppreżentata mill-Albanija b'appoġġ għat-talba tagħha. L-UE tqis li ser tkun meħtieġa informazzjoni aktar dettaljata qabel ma l-UE tkun tista' tieħu pożizzjoni definittiva dwar din it-talba, rigward:

- a. Ir-rekwiżiti kapitali u l-livelli u l-prattiki attwali ta' supervizzjoni għall-SLAs;
- b. Il-firxa ta' prodotti offruti mill-SLAs;
- c. It-tipi ta' klijenti li jużaw l-SLAs;
- d. L-impronta territorjali tal-SLAs.

⁽¹⁸⁾ Id-Direttiva 2014/59/UE

⁽¹⁹⁾ Id-Direttiva (UE) 2019/879

⁽²⁰⁾ Id-Direttiva 2013/36/UE

L-UE tinnota li l-Albanija hija parzjalment allinjata mal-acquis tal-UE dwar **l-assigurazzjoni u l-pensjonijiet okkupazzjonali**. L-UE tinnota wkoll li l-Albanija hija allinjata mar-reġim ta' solvenza I. L-UE tissottolinja li jeħtieġ li l-Albanija tallinja ruħha mar-reġim ta' solvenza II. L-UE tissottolinja li jeħtieġ li l-Albanija tiffinalizza l-allinjament mal-acquis dwar l-assigurazzjoni ta' vetturi bil-mutur ⁽²¹⁾. L-UE tfakkar li jeħtieġ li l-Albanija tallinja l-leġiżlazzjoni tagħha dwar id-distribuzzjoni tal-assigurazzjoni mal-acquis.

L-UE tinnota li l-Albanija hija parzjalment allinjata mal-acquis tal-UE dwar **l-infrastruttura tas-suq finanzjarju**. L-UE tilqa' l-allinjament tal-Albanija mal-acquis tal-UE fil-qasam tat-trasparenza tat-tranżazzjonijiet ta' finanzjament tat-titoli. L-UE tissottolinja li jeħtieġ li l-Albanija tallinja ruħha mal-finalità tas-saldu u l-kollateral finanzjarju. L-UE tissottolinja li jeħtieġ li l-Albanija tissodisfa, sa mhux aktar tard mill-mument tal-adeżjoni, ir-rekwiżiti stabbiliti fl-aħħar verżjoni tar-Regolament dwar l-Infrastruttura tas-Suq Ewropew ("EMIR") ⁽²²⁾. L-Albanija ser ikollha wkoll tissodisfa r-rekwiżiti tal-aħħar verżjoni tar-regolament dwar id-depożitorji ċentrali tat-titoli (CSDR) ⁽²³⁾.

L-UE tinnota li l-Albanija hija parzjalment allinjata mal-acquis tal-UE dwar **is-swieq tat-titoli u s-servizzi ta' investiment**. L-UE tilqa' l-livell għoli ta' allinjament dwar il-prospetti u l-manigera ta' fondi ta' investiment alternattivi. L-UE tinnota wkoll l-allinjament parzjali tal-Albanija mal-MiFID II. ⁽²⁴⁾ L-UE tfakkar li jeħtieġ li l-Albanija tallinja ruħha mal-MiFIR ⁽²⁵⁾. L-UE tistieden lill-Albanija tallinja ruħha mal-UCITS u l-AIFMD. L-UE tinnota wkoll li jeħtieġ li l-Albanija tallinja ruħha mal-acquis dwar il-kreditu ipotekarju⁽²⁶⁾.

L-UE tinnota li l-Albanija għadha mhijiex allinjata mal-acquis tal-UE dwar **il-finanzi sostenibbli**. L-UE tistieden lill-Albanija biex tallinja ruħha mar-Regolament dwar it-Tassonomija ⁽²⁷⁾.

L-UE tinnota b'mod pożittiv li l-Albanija għandha fis-seħħ miżuri speċifiċi għall-**għieda kontra l-korruzzjoni** fil-korpi ewlenin li jittrattaw is-servizzi finanzjarji u l-infurzar leġiżlattiv relatat tagħhom. L-UE tissottolinja l-importanza tal-għieda kontinwa kontra l-korruzzjoni fil-qasam tas-servizzi finanzjarji.

⁽²¹⁾ Id-Direttiva 2009/103/KE

⁽²²⁾ Ir-Regolament (UE) Nru 648/2012

⁽²³⁾ Ir-Regolament (UE) Nru 909/2014

⁽²⁴⁾ Id-Direttiva 2014/65/UE

⁽²⁵⁾ Ir-Regolament (UE) Nru 600/2014

⁽²⁶⁾ Id-Direttiva 2014/17/UE

⁽²⁷⁾ Ir-Regolament (UE) 2020/852

9. Kapitolu 28 – Il-protezzjoni tal-konsumatur u tas-saħħa

L-UE tinnota li fil-qasam tal-**protezzjoni tal-konsumatur**, l-Albanija għandha livell għoli ta' allinjament mal-acquis tal-UE dwar is-sikurezza ġenerali tal-prodotti u tal-imitazzjonijiet perikolużi. L-UE tistieden lill-Albanija tallinja mal-acquis tal-UE dwar is-Safety Gate tal-UE u r-responsabbiltà għall-prodotti. L-UE tissottolinja l-livell għoli ta' allinjament tal-Albanija mal-acquis tal-UE dwar it-tqegħid fis-suq b'distanza ta' servizzi finanzjarji ta' konsumaturi, il-komparabbiltà tat-tariffi relatati mal-kontijiet tal-ħlas, il-bdil tal-kontijiet tal-ħlas u l-aċċess għall-kontijiet tal-ħlas. L-UE tinnota wkoll l-allinjament parzjali tal-Albanija mal-acquis tal-UE dwar termini inġusti fil-kuntratti tal-konsumatur, l-indikazzjoni tal-prezzijiet tal-prodotti offruti lill-konsumaturi, is-soluzzjoni alternattiva għat-tilwim f'każ ta' tilwim tal-konsumaturi, dwar il-bejgħ ta' oġġetti, dwar il-prattiki kummerċjali inġusti min-negozju għall-konsumatur, it-timeshare, il-prodotti ta' btala fit-tul, il-kuntratti ta' bejgħ mill-ġdid u ta' skambju, dwar pakketti tal-ivvjaġġar u arranġamenti tal-ivvjaġġar marbuta, u dwar kuntratti ta' kreditu.

L-UE tissottolinja li jeħtieġ li l-Albanija tallinja ruħha mal-acquis tal-UE dwar l-infurzar u l-modernizzazzjoni aħjar tar-regoli tal-Unjoni dwar il-protezzjoni tal-konsumatur, l-azzjonijiet rappreżentattivi għall-protezzjoni tal-interessi kollettivi tal-konsumaturi u r-riklamar qarrieqi u komparattiv. L-UE tistieden lill-Albanija tallinja mal-acquis tal-UE dwar ċerti aspetti li jikkonċernaw kuntratti għall-provvista ta' kontenut diġitali u servizzi diġitali, dwar kuntratti għall-bejgħ ta' oġġetti u dwar il-promozzjoni tat-tiswija ta' oġġetti. L-UE tissottolinja wkoll li jeħtieġ li l-Albanija ssaħħaħ il-kapaċitajiet u talloka biżżejjed riżorsi għall-korpi responsabbli għall-protezzjoni tal-konsumatur u tallinja mal-acquis tal-UE dwar il-kooperazzjoni bejn l-awtoritajiet nazzjonali responsabbli għall-protezzjoni tal-konsumatur.

L-UE tinnota li fir-rigward tas-**saħħa pubblika**, il-leġiżlazzjoni tal-Albanija hija mfassla biex tkun allinjata kompletament mal-acquis tal-UE dwar il-prevenzjoni tat-tipjip u dwar ambjenti mingħajr duħħan, madankollu issa dan ġie sostitwit bl-acquis tal-UE dwar ambjenti mingħajr duħħan u aerosol. L-UE tistieden lill-Albanija tallinja mal-istandards tal-interoperabbiltà u l-istandards ta' protezzjoni tad-data tal-UE rigward id-data dwar is-saħħa. L-UE tinnota wkoll il-livell ta' allinjament tal-Albanija mal-acquis tal-UE dwar mard komunikabbli, u tinnota li jeħtieġ li l-Albanija tikkompleta dan. L-UE tistieden ukoll lill-Albanija tallinja mal-acquis tal-UE dwar is-servizzi tal-media awdjoviżiva.

L-UE tfakkar li jeħtieġ li l-Albanija tallinja mal-acquis tal-UE dwar il-manifattura, il-preżentazzjoni u l-bejgħ tat-tabakk u prodotti relatati, ir-riklamar ta' prodotti tat-tabakk, u mal-acquis l-ieħor kollu tal-UE dwar il-kontroll tat-tabakk. L-UE tinnota wkoll l-allinjament parzjali tal-Albanija mal-acquis tal-UE dwar il-prodotti mediċinali għall-użu mill-bniedem (inkluż il-Provi Kliniċi, il-Prattiki Tajba ta' Manifattura u ta' Distribuzzjoni, kif ukoll ir-rekwiżiti għad-Distributuri bl-Ingrossa), dwar id-demm, it-tessuti u ċ-ċelloli, u dwar it-tnejn adegwata għad-dħul fis-seħħ tar-Regolament (UE) 2024/1938 dwar sustanzi ta' oriġini umana (SoHO), dwar is-saħħa mentali, u dwar id-drittijiet tal-pazjenti fil-kura tas-saħħa transfruntiera. L-UE tissottolinja li jeħtieġ li l-Albanija tikkompleta l-allinjament tagħha f'dawn l-oqsma u tallinja wkoll mal-acquis tal-UE dwar il-mediċini orfni, il-prodotti mediċinali għall-użu pedjatriku, il-prodotti ta' terapija avvanzata u l-prodotti mediċinali veterinarji. L-UE tissottolinja li l-awtorizzazzjonijiet għal prodotti mediċinali għall-użu mill-bniedem u veterinarju mogħtija qabel l-adeżjoni għandhom jiġu aġġornati biex jikkonformaw mal-livell ta' kwalità, effikaċja u sikurezza f'konformità mal-acquis rilevanti tal-UE. L-UE tistieden ukoll lill-Albanija biex ittejjeb is-saħħa tal-gruppi vulnerabbli tal-popolazzjoni, filwaqt li tiżgura aċċess ugwali għal servizzi tas-saħħa ta' kwalità għal popolazzjonijiet bħal dawn. L-UE tistieden ukoll lill-Albanija biex issaħħaħ il-kapaċitajiet amministrattivi u tekniċi fil-qasam tas-saħħa pubblika inkluż fl-oqsma li jindirizzaw il-prevenzjoni tal-abbuż tad-droga, in-nutrizzjoni, il-konsum dannuż tal-alkoħol, il-prevenzjoni tal-korrimenti u l-promozzjoni tas-sikurezza.

L-UE tinnota li l-Albanija qed titlob perjodu ta' tranżizzjoni ta' tliet snin wara l-adeżjoni tagħha mal-Unjoni Ewropea sal-31 ta' Diċembru 2033 biex taderixxi mar-rekwiżiti stabbiliti bid-Direttiva 2001/83/KE għall-awtorizzazzjoni, il-manifattura, id-distribuzzjoni u l-farmakoviġilanza ta' prodotti mediċinali għall-użu mill-bniedem fl-Unjoni Ewropea. L-UE tinnota wkoll li ma ntab l-ebda perjodu ta' tranżizzjoni bħal dan għall-prodotti mediċinali veterinarji.

L-UE tfakkar li l-konformità mal-acquis tal-UE dwar il-prodotti mediċinali u d-disponibbiltà tagħhom huma importanti biex tiġi żgurata s-sikurezza tas-saħħa tal-bniedem fl-UE. L-UE tinnota wkoll li t-talba tal-Albanija ma tirrigwardax biss ir-rekwiżiti ta' awtorizzazzjoni, iżda wkoll aspetti oħra regolati mid-dritt tal-UE dwar il-prodotti mediċinali, inkluż il-farmakoviġilanza.

L-UE tfakkar ukoll li kwalunkwe perjodu ta' tranżizzjoni ma għandux jikkomprometti s-sikurezza tal-prodotti mediċinali disponibbli fi Stati Membri oħra tal-UE u li għandhom jiġu kkunsidrati garanziji xierqa, bħall-esklużjoni ta' mediċini mhux konformi mir-rikonoxximent reċiproku fi Stat Membru ieħor tal-UE. Sabiex tivvaluta bis-sħiħ din it-talba u l-kamp ta' applikazzjoni tagħha, l-UE tistieden lill-Albanija tipprovdi informazzjoni addizzjonali dwar:

- a. L-impatt stmat fuq l-industrija farmaċewtika Albanija.
- b. L-għadd ta' prodotti mediċinali li huma:
 - i. Irreġistrati fl-Albanija iżda mhux awtorizzati fl-UE;
 - ii. Irreġistrati fl-Albanija u awtorizzati fl-UE fil-proċedura awtorizzata ċentralment;
 - iii. Irreġistrati fl-Albanija u awtorizzati f'waħda mill-proċeduri nazzjonali ta' awtorizzazzjoni tal-Istati Membri (anki għadd ta' xenarj dinamiċi – għadd mistenni fil-mument tal-adeżjoni, jekk possibbli).
- c. Fir-rigward tal-aġġustament tar-reġistrazzjoni nazzjonali tal-mediċini b'rekwiżiti għall-awtorizzazzjonijiet tal-UE għat-tqegħid fis-suq, tipprovdi informazzjoni dwar kif tqies il-livell differenti ta' kumplessità tar-rotot differenti ta' awtorizzazzjoni skont l-acquis tal-UE fil-valutazzjoni tal-impatt dwar l-industrija Albanija u l-amministrazzjoni nazzjonali.

- d. Il-forniment ta' mediċini kritiċi lill-pazjenti fl-Albanija u fl-UE attwali.
- e. Il-punt sa fejn il-kompożizzjoni tal-mediċini minn sorsi domestiċi u mhux tal-UE li bħalissa huma awtorizzati li jitqiegħdu fis-suq Albaniż hija identika għal dik fil-mediċini awtorizzati mill-Kummissjoni biex jitqiegħdu fis-suq uniku tal-UE.
- f. Il-proċeduri u s-suq tal-Albanija għall-prodotti mediċinali veterinarji, li dwarhom jeħtieġ li l-Albanija tallinja mal-acquis rilevanti tal-UE, u li għalihom jeħtieġ li l-awtorizzazzjonijiet jikkonformaw ma' dak l-acquis.

L-UE tinnota b'mod pożittiv li l-Albanija għandha l-qafas istituzzjonali fis-seħħ biex **tiġġieled kontra l-korruzzjoni** fil-qasam tal-protezzjoni tal-konsumatur u tas-saħħa u tistenna li l-Albanija tiżgura livelli tajbin ta' integrità f'dawn l-oqsma.

* * *

Fid-dawl tal-istat preżenti tat-tnejjijiet, l-UE tinnota li, bil-fehim li l-Albanija għandha tkompli tagħmel progress fl-allinjament mal-*acquis* tal-UE kopert mill-kapitoli li ġejjin u fl-implimentazzjoni tiegħu, dawn il-kapitoli jistgħu jingħalqu proviżorjament biss ladarba jkun maqbul mill-UE li l-parametri referenzjarji li ġejjin ikunu ġew issodisfati:

Kapitolu 1 – Il-moviment liberu tal-merkanzija

- L-Albanija għandha livell avanzat ta' allinjament bl-introduzzjoni ta' klawżoli ta' rikonoxximent reċiproku, u l-emendi meħtieġa għal-leġiżlazzjoni domestika u l-prattiki amministrattivi, li jikkonformaw mal-obbligi li jirriżultaw mill-Artikoli 34-36 TFUE.
- L-Albanija allinjat mal-acquis tal-UE fir-rigward tal-leġiżlazzjoni orizzontali dwar il-prodotti u turi livell avanzat ta' allinjament mal-acquis tal-UE fir-rigward tal-prodotti ta' dan il-kapitolu, b'mod partikolari f'dawk is-setturi fejn l-allinjament sa issa huwa insuffiċjenti jew limitat.

- L-Albanija turi li għandha kapaċità amministrattiva suffiċjenti bi standards għoljin ta' integrità biex timplimenta u tinforza kif xieraq, saż-żmien tal-adeżjoni, il-leġiżlazzjoni fl-oqsma orizzontali kollha li jaffettwaw il-moviment liberu tal-merkanzija (inkluż l-istandardizzazzjoni, l-akkreditazzjoni, il-metroloġija, il-valutazzjoni tal-konformità u s-sorveljanza tas-suq) kif ukoll l-acquis tal-UE dwar il-prodotti f'dan il-kapitolu.

Kapitolu 2 – Il-moviment liberu tal-ħaddiema

- L-Albanija turi li għandha biżżejjed strutturi u kapaċità ta' infurzar suffiċjenti biex timplimenta bis-sħiħ l-acquis dwar il-moviment liberu għall-ħaddiema saż-żmien tal-adeżjoni.

Kapitolu 3 - Id-dritt ta' stabbiliment u l-libertà li jiġu pprovduti servizzi

- L-Albanija adottat u ppreżentat lill-Kummissjoni Ewropea lista ta' professjonijiet regolati fi ħdan it-tifsira tal-acquis rilevanti tal-UE, bl-ispeċifikazzjoni tal-attivitajiet koperti minn kull professjoni u l-ġustifikazzjonijiet dwar ir-regolamenti.
- L-Albanija allinjat il-programmi ta' studju, li taħthom jinkisbu kwalifiki għal professjonijiet regolati fl-Albanija, mar-rekwiżiti minimi ta' taħriġ tad-Direttiva 2005/36/KE u l-emendi rilevanti tagħha.
- L-Albanija allinjat ir-regolament orizzontali dwar is-servizzi billi inkorporat id-Direttiva dwar is-Servizzi ⁽²⁸⁾ u turi aktar progress fl-allinjament tal-leġiżlazzjoni settorjali u dwar il-kapaċità amministrattiva relatata.
- L-Albanija allinjat mal-acquis billi ħassret kwalunkwe rekwiżit ta' nazzjonalità għall-aċċess u l-eżerċitar ta' attivitajiet ta' servizz, ħliet għar-rekwiżiti ta' nazzjonalità ġustifikati u proporzjonati skont l-Artikolu 51 TFUE. Hemm bżonn li dawn l-emendi jkunu applikabbli sa mhux aktar tard mid-data tal-adeżjoni.

⁽²⁸⁾ Id-Direttiva 2006/123/KE

Kapitolu 4 – Il-moviment liberu tal-kapital

- L-Albanija allinjat mal-acquis dwar il-movimenti ta' kapital u turi li ser tkun tista' timplimentah bis-sħiħ sal-adeżjoni, filwaqt li tiżgura li jitneħħew ir-restrizzjonijiet kollha li fadal.
- L-Albanija allinjat mal-acquis tal-UE fil-qasam tal-pagamenti b'mod partikolari fir-rigward tas-servizzi ta' pagament fis-suq intern (id-Direttiva dwar is-Servizzi ta' Pagament kif emendata), il-pagamenti transfruntiera u l-acquis⁽²⁹⁾ taż-Żona Unika ta' Pagamenti bl-Euro u turi li ser tkun tista' timplimentah bis-sħiħ sal-adeżjoni.
- L-Albanija allinjat mal-acquis tal-UE fil-qasam tal-prevenzjoni tal-ħasil tal-flus u l-finanzjament tat-terroriżmu (b'mod partikolari d-Direttiva dwar il-Ġlieda Kontra l-Ħasil tal-Flus, ir-Regolament dwar il-Ġlieda Kontra l-Ħasil tal-Flus u r-Regolament dwar it-Trasferiment ta' Fondi, kif emendati). L-Albanija turi kapaċità amministrattiva suffiċjenti biex timplimenta u tinforza kif xieraq il-leġiżlazzjoni u l-obbligi rilevanti dwar il-Ġlieda kontra l-Ħasil tal-Flus u l-Finanzjament tat-Terroriżmu, u turi progress tanġibbli lejn rekord sod. L-Albanija turi li ser tkun lesta biex timplimenta bis-sħiħ l-acquis mill-jum tal-adeżjoni.

Kapitolu 6 - Id-dritt tal-kumpaniji

- L-Albanija allinjat il-leġiżlazzjoni tagħha mad-dispożizzjonijiet ġenerali tal-acquis tal-UE dwar id-dritt tal-kumpaniji u l-istabbiliment u l-funzjonament ta' kumpaniji b'responsabbiltà limitata, fużjonijiet u diviżjonijiet domestiċi, u konverżjonijiet, fużjonijiet u diviżjonijiet transfruntiera.
- L-Albanija allinjat il-leġiżlazzjoni tagħha mad-Direttiva dwar id-Drittijiet tal-Azzjonisti kif emendata⁽³⁰⁾, id-Direttiva fuq Offerti ta' Xiri, u tiżgura li tkun tista' timplimenta d-Direttiva dwar id-Diliġenza Dovuta tas-Sostenibbiltà Korporattiva⁽³¹⁾ mid-data tal-adeżjoni.

⁽²⁹⁾ Ir-Regolament (UE) Nru 260/2012

⁽³⁰⁾ Id-Direttiva (UE) 2017/828

⁽³¹⁾ Id-Direttiva (UE) 2024/1760

- L-Albanija allinjat il-Liġi taġħha dwar is-Swieq Kapitali, u l-leġiżlazzjoni ta' implimentazzjoni rilevanti, mal-acquis li jinkludi l-aħħar verżjoni tad-Direttiva dwar it-Trasparenza ⁽³²⁾, u allinjat ukoll ir-reġim tar-rapportar finanzjarju taġħha, inkluż il-leġiżlazzjoni ta' implimentazzjoni, mal-acquis li jinkludi d-Direttiva dwar il-Kontabbiltà ⁽³³⁾ kif emendata ⁽³⁴⁾.
- L-Albanija allinjat il-leġiżlazzjoni taġħha dwar l-awditu statutorju, inkluż il-leġiżlazzjoni ta' implimentazzjoni, mal-aħħar verżjoni tad-Direttiva dwar l-Awditjar. Għandha tingħata attenzjoni partikolari, meta tkun qed tiġi organizzata s-sistema ta' sorveljanza tal-awditjar pubbliku, biex jiġi żgurat li l-assigurazzjoni tal-kwalità, l-investigazzjonijiet u s-sanzjonijiet li jikkonċernaw l-awditi statutorji, b'mod partikolari dawk ta' entitajiet ta' interess pubbliku, jittwettqu mill-awtorità kompetenti responsabbli għas-sorveljanza tal-awditjar.

Kapitolu 7 - Id-dritt fil-qasam tal-proprjetà intellettuali

- L-Albanija twettaq l-emendi leġiżlattivi neċessarji kollha biex tiżgura l-eżawriment tad-drittijiet tal-UE/taż-ŻEE fl-oqsma kollha mid-data tal-adeżjoni.
- L-Albanija allinjat il-leġiżlazzjoni taġħha mal-acquis dwar id-drittijiet ta' proprjetà intellettuali, b'mod partikolari dwar id-drittijiet tal-awtur u d-drittijiet relatati, id-drittijiet ta' proprjetà industrijali u l-infurzar tal-Proprjetà Intellettuali.
- L-Albanija tiżgura kapacià amministrattiva suffiċjenti biex tirreġistra d-drittijiet ta' proprjetà intellettuali u tipprovdi rekord ta' infurzar effettiv mill-awtoritajiet amministrattivi rilevanti, u permezz tal-ġustizzja ċivili u, fejn xieraq, dik kriminali.

Kapitolu 8 – Il-politika dwar il-kompetizzjoni

- L-Albanija allinjat mal-acquis tal-UE kopert mill-kapitolu rigward il-politika dwar il-kompetizzjoni.
- L-Albanija bniet kapacià amministrattiva u ġudizzjarja suffiċjenti fil-qasam tal-antitrust, tal-fużjonijiet u tal-kontroll tal-ġhajjnuna mill-Istat, inkluż permezz tal-iżgurar tal-indipendenza operazzjonali tal-Kummissjoni tal-Ġhajjnuna mill-Istat.

⁽³²⁾ Id-Direttiva 2004/109/KE

⁽³³⁾ Id-Direttiva 2013/34/UE

⁽³⁴⁾ bid-Direttiva dwar ir-rapportar għal kull pajjiż, id-Direttiva dwar ir-rapportar korporattiv dwar is-sostenibbiltà, u d-Direttiva dwar l-aġġustamenti tal-kriterji tad-daqs (id-Direttiva 2023/2775/UE)

- L-Albanija wriet rekord sod ta' infurzar fil-qasam tal-antitrust u l-fużjonijiet, inkluż rekord ta' segwitu amministrattiv u ġudizzjarju effettiv u effiċjenti tal-ksur, inkluż permezz tal-impożizzjoni ta' sanzjonijiet deterrenti, fejn xieraq.
- L-Albanija wriet rekord sod ta' infurzar fil-qasam tal-kontroll tal-Għajnuna mill-istat, inkluż rekord ta' notifika ex ante tal-għajnuna, valutazzjoni bir-reqqa u allinjament effettiv tal-miżuri u l-iskemi ta' għajnuna mal-acquis, kif ukoll segwitu amministrattiv u ġudizzjarju effettiv u effiċjenti, inkluż permezz tal-irkupru ta' għajnuna illegali u inkompatibbli fejn applikabbli.

Kapitolu 9 – Is-servizzi finanzjarji

- L-Albanija għandha livell avanzat ta' allinjament mal-*acquis* fil-qasam tal-konglomerati bankarji u finanzjarji, b'mod partikolari fir-rigward tar-reqwiziti kapitali, is-supervizzjoni tal-konglomerati finanzjarji, l-assigurazzjoni tad-depożiti u r-riorganizzazzjoni u l-istralè ta' istituzzjonijiet ta' kreditu u wriet il-kapaċità li tallinja bis-sħiħ mal-acquis qabel l-adeżjoni u li timplimentah u tinfurzah mill-jum tal-adeżjoni.
- L-Albanija għandha livell avanzat ta' allinjament mal-acquis fil-qasam tal-assigurazzjoni (inkluż Solvenza II) u tal-pensjonijiet okkupazzjonali, b'mod partikolari fir-rigward tal-assigurazzjoni tal-ħajja, ir-riassigurazzjoni, id-distribuzzjoni tal-assigurazzjoni, u l-assigurazzjoni ta' responsabbiltà ta' vetturi bil-mutur, u wriet li ser tkun lesta biex timplimenta l-acquis mill-jum tal-adeżjoni.
- L-Albanija għandha livell avanzat ta' allinjament mal-acquis fil-qasam tal-infrastruttura tas-suq finanzjarju, inkluż l-ikklerjar u s-saldu, b'mod partikolari fir-rigward tal-finalità tas-saldu u l-arranġamenti kollaterali finanzjarji, u fil-qasam tas-swieq tat-titoli, is-servizzi ta' investiment, u l-ġestjoni tal-investment, b'mod partikolari fir-rigward tal-qafas tas-Swieq fl-Istrumenti Finanzjarji, il-prospett, it-trasparenza, u l-abbuż tas-suq, u fir-rigward tal-ġestjoni tal-investment, u wriet li ser tkun lesta biex timplimenta l-acquis mill-jum tal-adeżjoni.

- L-Albanija għandha livell avvanzat ta' allinjament mal-acquis fil-qasam tal-finanzi diġitali, b'mod partikolari fir-rigward tar-reżiljenza operazzjonali u tal-kriptoassi u wriet li ser tkun lesta biex timplimenta l-acquis dwar il-finanzi diġitali u l-finanzi sostenibbli mill-jum tal-adeżjoni.
- L-Albanija wriet ir-robustezza u l-indipendenza tal-istituzzjonijiet regolatorji u superviżorji bi standards għoljin ta' integrità - f'konformità mar-rekwiżiti tad-diversi leġislażjonijiet settorjali - b'kapaċità amministrattiva suffiċjenti għall-implimentazzjoni u l-infurzar tal-acquis fil-qasam tas-servizzi finanzjarji.

Kapitolu 28 – Il-protezzjoni tal-konsumatur u tas-saħħa

- L-Albanija għandha livell avvanzat ta' allinjament mal-acquis tal-UE dwar is-sigurtà ġenerali tal-prodotti u l-protezzjoni tal-konsumatur (inkluż l-acquis tal-UE dwar l-infurzar privat, dwar il-garanziji u dwar il-kontenut diġitali), u b'hekk tiżgura l-protezzjoni tal-interessi tal-konsumaturi, is-sikurezza tagħhom, it-tisħiħ tal-kapaċitajiet għall-organizzazzjonijiet tal-konsumatur tagħhom, l-infurzar effettiv u d-dritt għal rimedju. L-Albanija tagħti prova tal-istrutturi amministrattivi adegwati bi standards għoljin ta' integrità u kapaċità ta' infurzar, inkluż il-livelli meħtieġa ta' indipendenza, biex timplimentahom b'mod korrett saż-żmien tal-adeżjoni.
- L-Albanija għandha livell avvanzat ta' allinjament mal-leġislażjoni tal-UE u l-obbligi internazzjonali dwar il-kontroll tat-tabakk kif ukoll l-implimentazzjoni u l-infurzar sħaħ u dovuti tagħhom.
- L-Albanija allinjat mal-acquis tal-UE dwar id-drittijiet tal-pazjenti fil-kura tas-saħħa transfruntiera, is-sustanzi ta' oriġini umana, il-prodotti mediċinali għall-użu mill-bniedem u għall-użu veterinarju, il-kożmetiċi, u l-apparat mediku, għandha livell avvanzat ta' allinjament mal-acquis l-ieħor kollu tal-UE dwar is-saħħa pubblika, u turi li għandha l-livelli meħtieġa ta' kapaċità u integrità amministrattiva, inkluż sistema/awtorità ta' superviżjoni sostenibbli, biex timplimenta u tinforza kif xieraq l-acquis tal-UE dwar is-saħħa pubblika f'dawn l-oqsma kollha.

Il-monitoraġġ tal-progress fl-allinjament mal-acquis tal-UE u l-istandards Ewropej rilevanti u l-implimentazzjoni tagħhom ser ikompli matul in-negozjati. L-UE tissottolinja li ser tagħti attenzjoni partikolari lill-monitoraġġ tal-kwistjonijiet speċifiċi kollha msemmijin hawn fuq bil-ħsieb li tiżgura l-kapaċità amministrattiva tal-Albanija, il-kapaċità tagħha li tikkompleta l-allinjament legali fis-setturi kollha taħt din il-ġabra, kif ukoll progress ulterjuri fl-implimentazzjoni u l-infurzar. Jeħtieġ li jiġu kkunsidrati b'mod partikolari r-rabtiet bejn din il-ġabra u ġabriet oħra ta' negozjar. Valutazzjoni finali tal-konformità tal-leġiżlazzjoni tal-Albanija mal-acquis tal-UE u l-istandards Ewropej rilevanti kif ukoll tal-kapaċità ta' implimentazzjoni tagħha tista' ssir biss fi stadju aktar tard tan-negozjati. Minbarra l-informazzjoni kollha li l-UE tista' tirrikjedi għan-negozjati f'din il-ġabra, u li għandha tiġi pprovduta lill-Konferenza, l-UE tistieden lill-Albanija biex tipprovidi regolarment informazzjoni dettaljata bil-miktub dwar il-progress fl-implimentazzjoni tal-acquis tal-UE lill-Kunsill ta' Stabbilizzazzjoni u ta' Assoċjazzjoni.

Fid-dawl tal-kunsiderazzjonijiet kollha ta' hawn fuq, il-Konferenza ser ikollha terġa' lura għal din il-ġabra f'mument xieraq.

Barra minn hekk, l-UE tfakkar li jista' jkun hemm acquis tal-UE ġdid bejn it-28 ta' Frar 2025 u l-konklużjoni tan-negozjati.
